**Stqarrija Ministerjali magħmula f'Seduta 492 tat-8 ta' Marzu 2017 mill-Ministru għat-Turiżmu Edward Zammit Lewis u mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-klima dwar il-kollass tat-Tieqa tad-Dwejra**

Il-pajjiż illum tilef ġawhra turistika. Dalgħodu, kif jaf kulħadd, iġġarfet kompletament it-Tieqa tad-Dwejra, ikona li hi sinonima mal-gżira ta' Għawdex. Konvint li nkun qed nesprimi s-sentiment ta' xokk kemm ta' din il-Kamra kif ukoll tal-poplu Malti u Għawdxi meta nafu li din hija telfa irreparabbli. Telfa li ġibdet ukoll l-attenzjoni internazzjonali. Kienu diversi s-siti tal-aħbarijiet internazzjonali li rrappurtaw dak li ġara, rappurtaġġ li faċli tasal li sar b'sens ta' solidarjetà magħna bħala pajjiż.

Kbira kemm hi kbira din it-telfa nazzjonali m'għandux ifisser li Għawdex tilef il-potenzjal turistiku tiegħu jew li m'għandux aktar x'joffri. It-Tieqa tad-Dwejra fiha nnifisha tifforma parti minn żona ambjentali ta' importanza kbira tant li hi rikonoxxuta bħala sit ta' Natura 2000 kif ukoll mill-UNESCO. Dwar l-aspett ambjentali ser ikompli l-kollega tiegħi, il-Ministru responsabbli mill-Ambjent, l-Onorevoli Josè Herrera.

Dak li sfortunatament seħħ illum kien previst għaliex l-elementi naturali ma jista' jżommhom ħadd. Dak li ħolqot in-natura, ħaditu lura n-natura. Tant kien previst li mhux din l-amministrazzjoni biss ippruvat ittawwal il-ħajja ta' din il-ġawhra turistika, imma anke amministrazzjonijiet differenti u preċedenti.

Fil-fatt taħt l-amministrazzjoni preċedenti saru studji, saru rapporti u saru anke rakkomandazzjonijiet li kienu validi. Din l-amministrazzjoni kompliet fuqhom.

Sadanittant, dan li ġara llum, m'għandux jaqtgħalna qalbna u li Għawdex ma jkomplix jikseb is-suċċess li kellu s-sena li għaddiet u ta' qabilha fejn jirrigwarda turiżmu, kemm dak domestiku kif ukoll internazzjonali.

Nixtieq ngħid li skont ċifri maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-istatistika fl-2016 in-numru ta' viżitaturi barranin li żaru Għawdex kien ta' 1.15 miljun, żieda ta' aktar minn 13% fuq l-2015. Għaldaqstant ta' min wieħed jinnota li n-numru ta' viżitaturi f'Għawdex kiber bi kważi 340,000 mill-bidu ta' din il-leġiżlatura, jiġifieri żieda ta' 42% fuq l-2012.

Konxju mill-fatt li t-turiżmu f'Għawdex huwa l-mutur ewlieni għall-ekonomija Għawdxija, jikkontribwixxi ċirka 60 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku tal-ekonomija Għawdxija. Il-Gvern jemmen bi sħiħ bil-prospetti sbieħ li għandu Għawdex sabiex ikun tassew destinazzjoni turistika distinta.

Mhux ser nitilfu ħin. Minn għada stess l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ser tkun qed taħdem flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u l-Gozo Tourism Association sabiex tirreaġixxi għal dak li ġara mill-aspett ta' *marketing* tal-gżira ta' Għawdex fis-swieq turistiċi kemm dawk prinċipali u sekondarji u dan sabiex naċċertaw li ma jkunx hemm impatt negattiv fuq is-swieq tagħna minħabba dan l-akkadut. Kunfidenti li naslu u li nibqgħu insaħħu dak li bnejna flimkien.

Qed naħdmu lkoll flimkien bħala Gvern, partikolarment mal-kollega Ministru Anton Refalo, sabiex il-Gżira ta' Għawdex tiġi ppożizzjonata bħala destinazzjoni separata u distinta minn Malta. Qed naħdmu fuq niċeċ varji f'Għawdex fejn hemm minnhom diġà żviluppati bħan-niċċa tad-*diving*, u turiżmu rurali, kif ukoll oħrajn li qed naħdmu fuqhom bi sħiħ bħala Gvern sabiex niżviluppaw, eżempju ta' dan huwa t-turiżmu mediku.

Qabel ma nħalli l-kelma lill-kollega tiegħi l-Ministru Herrera, naċċerta lill-Għawdxin kollha u lill-poplu Malti b'mod ġenerali li dak li ġara llum mhux ser jaqtgħalna qalbna, anzi ser jixrpunana aktar bħala Gvern biex Għawdex jimxi 'l quddiem u jibbenefika dejjem aktar mis-suċċess turistiku bla preċedent li qed jirreġistra dan il-Gvern.

Fl-aħħar ta' din l-istqarrija l-Ministri kollha involuti ser ikunu hawn sabiex inwieġbu għal kwalunkwe domanda fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

It-Tieqa tad-Dwejra kienet arkata naturali magħmula mill-parti ta' fuq taż-żonqor (*Lower Coralline Limestone Formation*). Huwa magħruf li dawn l-arkati naturali huma temporanji u jiffurmaw parti minn ċiklu ta' ħafi (*erosion*). Fid-Dwejra hemm eżempji oħra ta' dan il-proċess, partikolarment jidher fil-Bajja tad-Dwejra, fejn minħabba l-azzjoni tal-mewġ u n-natura tal-blat, ċedew diversi strutturi li waslu biex tifforma Ħaġret il-Ġeneral (*Fungus Rock*).

It-Tieqa tad-Dwejra esperjenzat bidliet drammatiċi fil-morfoloġija tagħha matul dawn l-aħħar 30 sena. Dawn il-bidliet kienu r-riżultat tal-proċessi dinamiċi relatati mal-ħafi naturali (*natural erosion*) tagħha. Minħabba dan ġew ikkummissjonati studji mwettqa minn esperti fis-settur li kollha indikaw li l-kollass tat-Tieqa huwa avveniment naturali inevitabbli.

Sfortunatament, illum, it-8 ta' Marzu 2017, fid-09:30 ta' filgħodu ġie rrappurtat li t-Tieqa tad-Dwejra waqgħet. Skont kif irrapportat, l-Uffiċċju Meteoroloġiku ta' Malta irrekordja li fis-02:15 ta' filgħodu kien hemm riħ Majjistral b'qawwa ta' 23 *knots* (forza 6), b'buffuri ta' 35 *knots* (forza 8). Dan żied għal 28 *knots* (forza 7) b'buffuri ta' 44 *knots* (forza 9) fid-09:15 ta' filgħodu. Għalhekk, huwa probabbli li l-irjiħat qawwija u l-mewġ kkontribwew għall-kollass tal-istruttura.

F'rapport ikkummissjonat mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima (imħejji mill Geoscience Consulting fl-2013) l-istabbiltà u l-integrità tat-Tieqa tad-Dwejra kien deskritt bħala dipendenti fuq influwenzi esterni, jiġifieri l-kwalitajiet mekkaniċi tal-blat u l-proċessi ġeomorfoloġiċi.

Il-ġeoloġija tat-Tieqa tad-Dwejra kienet tikkonsisti f'żewġ unitajiet ta' blat distinti li jġibu ruħhom b'mod differenti meta jkunu soġġetti għall-ħafi. Filwaqt li l-arkata nnifisha (li kellha ħxuna ta' madwar 4m), hija magħmula mill-*Mara Member* u x-*Xlendi Member,* il-pilastru u l-bażi tat-Tieqa tad-Dwejra huma magħmulin mill-*Attard Member*. Madwar 90% tas-saff t'isfel ta' blat (*Attard Member*) waqa' fl-aħħar 30 sena.

F'April 2012, il-pilastru esperjenza falliment billi massa ta' blat trijangolari kbira waqgħet. Filwaqt li dan il-falliment ma kagħbarx l-arkata, huwa kompla jnaqqas il-massa tal-pilastru. Aktarx l-azzjoni tal-mewġ affettwat l-aktar il-bażi tal-pilastru, u ddgħajjef aktar il-pilastru. Barra minn hekk, fessuri u ħarq (*fissures*) fil-blat tal-pilastru nnifsu setgħu kkontribwew ukoll biex iddgħajjfet l-istruttura. Il-kombinazzjoni ta' dawn il-proċessi naturali u l-ħafi, flimkien ma' temp kiefer, x'aktarx ikkawżaw il-falliment tal-istruttura.

Bħalissa qed jiġu meqjusa żewġ possibiltajiet li wasslu għall-falliment tat-Tieqa. L-ewwel possibiltà hija li l-bażi tal-pilastru ċeda minħabba ħafi kkaġunat mill-azzjonijiet tal-mewġ u tal-kurrenti tal-baħar tul iż-żmien. Alternattiva oħra hi li l-arkata ġġarrfet minħabba l-mewġ u l-fissuri u l-ħarq li żviluppaw matul iż-żminijiet, bil-konsegwenza illi malli ċediet l-arkata, il-pilastru ċeda minnu nnifsu minħabba nuqqas ta' sapport.

**Is-Sit Natura 2000**

It-Tieqa kienet parti mis-sit tad-Dwejra, li huwa rikonoxxut internazzjonalment bħala sit Natura 2000. Minn dan l-aspett, l-ERA flimkien mal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima fassal pjan ta' tmexxija li ġie approvat mill-Gvern fl-2016. Il-kollass tat-Tieqa ma jnaqqas xejn mill-importanza ambjentali tal-post u l-pjan tat-tmexxija nnifsu, u għalhekk il-Ministeru tal-Ambjent se jkompli jaħdem biex jimplimenta dan il-pjan.

Fil-fatt f'din l-aħħar sena, il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel *steering committee* biex jassisti fuq it-tmexxija tas-sit, u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (l-ERA) kienet qiegħda ssegwi t-tmexxja tad-Dwejra aktar mill-qrib, flimkien ma' dan il-Kumitat.

Il-Kumitat ħadem fuq diversi aspetti tal-Pjan ta' Tmexxija (*Management Plan*) tas-sit Natura 2000 tad-Dwejra. L-ERA ħarġet Ordni ta' Konservazzjoni minħabba li din it-Tieqa kienet ta' periklu għan-nies u saru sinjali ċari fuq il-post biex jindikaw dan il-periklu. L-ERA ħadmet ukoll mal-Ministeru għal Għawdex biex jitneħħew speċi barranin li kienu qed jagħmlu l-ħsara lill-post, u bdew ukoll diskussjoniet b'mod estensiv mal-i*stakeholders* u nies li jużaw il-post. Il-Kumitat kien qed jaħseb ukoll fuq pjan ta' monitoraġġ tat-Tieqa li kien se jibda fil-futur qarib biex ikollna *data* u tagħrif aktar attwali u regolari fuq l-istrutura tat-Tieqa. Barra minn dan, il-Kumitat qed ifassal pjan ta' sorveljanza tas-sit Natura 2000 li għandu jitwettaq bi sħab bejn il-Ministeri responsabbli mill-Ambjent, it-Turiżmu u Għawdex.